MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Numru 297/2003

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Lee Aaron O'Brian, iben Kevin
Joseph, imwieled l-Ingilterra fl-24
ta' lulju, 1981
u
Neville Gauci sive Tonna, iben Imelda Tonna, imwieled
Pieta'
fit-3 ta' mejju, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fis-27 ta' marzu, 2003, għal ħabta tat-3.00 a.m., fix-Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Baħar –
1. ikkomettew serq ta' mutur Yamaha, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAZ 789, li jiswa madwar Lm300, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Nicholas Camilleri;

2. ikkaġunaw ħsara fl-istess mutur, liema ħsara ma tiskorriex l-għaxar liri maltin (Lm10);
Neville Gauci sive Tonna, waħdu –
3. talli saq il-karozza Hyundai Atos, bin-numru tar-reġistrazzjoni OBR 100, mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;
4. talli kiser sentenza ta' liberta' kondizzjonata għal tlett snin skond l-artikolu 9
tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta, mogħtija fit-18 ta' ġunju, 2001 mill-Qorti
tal-Maġistrati.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' april, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Fil-kon-
front ta' Lee Aaron O'Brian, rat l-artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1) u 325(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Fil-konfront ta' Neville Gauci sive Tonna, rat l-artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1) u 325(d) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3(1)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat il-fatt li
l-imputat kien minuri meta ġraw il-fatti. Għalhekk, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt liri maltin (Lm100) u tordna li jiġi inibit milli jottjeni kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena minn meta jagħlaq l-eta' ta' tmintax il-sena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------